# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2020**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 415/2018 JVC**

**SAB, (P 685)socjeta' en nom collectif, kif rappezentata f'dan ir-rikors mill-Avukat Dottor David Grech u Carmelo Muscat**

**vs.**

**Leonard Incorvaja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Avukat Dottor David Grech ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi s-**Socjeta' Rikorrenti** hija debitament rapprezzentata minni, dok **DG** 1 hawn anness;
2. Illi s-**Socjeta' Rikorrenti** hija l-proprjetarja tal-ghalqa go Marsaxlokk, maghrufa bhala 'Tal-Fundar, tal-kejl ta' tlett telef u wiehed u disghin metri kwadri (3091) dok **DG** 2, hawn anness u mmarkata bil-kulur ahmar;

3. Illi s-**Socjeta' Rikorrenti** kienet xtrat l-ghalqa 'de quo' mill-poter tal-allura socjeta kummercjali Wicklow and Arklow Ltd. kif rapprezzentata mill-avukat dottor Godfrey Gauci Maistre, permezz ta' kuntratt fl-atti tan nutar dottor Francis Micallef tal-hamsa u ghoxrin ta' Mejj tas-sena elf disa' mija u tmenin (25/05/1980), dok **DG** 3, hawn anness;

4. Illi **r-Rikorrent Carmelo Muscat** ilu jahdem din l-ghalqa ghal aktar minn erbghajn (40) sena, b'mera tolleranza tal-allura sid-taghha, u qablu kien jahdimha il-mejjet missieru li kien ihallas il-qbiela;

5. Illi tul dan iz-zmien kollu hadd minnhom qatt ma gie mmolestat jew imcahhad mill-pussess u godiment tal-istess ghalqa;

6. Illi fit-18/03/2018 **r-Rikorrent Carmelo Muscat** induna illi l-ghalqa kienet giet mahruta u li l-wicc taghha (qamh) kien gie mghaffeg u destrutt;

7. Illi lejliet, u cioe` fis-17/03/2018, kmieni filghodu l-ghalqa kienet kif suppost u kollox kien regolari;

8. Illi ghalhekk flimkien ma' neputih Darren Desira fit-18/03/2018 fis-16.45 mar l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun fejn ghamel rapport formali dwar l-akkadut u talab lill-Pulizija sabiex tipprocedi kontra **l-Intimat DG** 4, hawn anness;

9. Illi **r-Rikorrent Carmelo Muscat,** kif obbligat li jaghmel, fl-istess jum li ghamel l-imsemmi rapport, informa lill-avukat dottor Godfrey Gauci Maistre bl-akkadut permezz ta' telefonata maghmula liluminn neputih Darren Desira;

10. Illi **r-Rikorrent Carmelo Muscat** u neputih saru jafu illi kien l-**Intimat** li kien harat l-ghalqa billi 'kienet tieghu';

11. Illi l-ghalqa giet mahruta u okkupata abbuzivament u llegalment mill-**Intimat,** m'hemmx ghalfejn wiehed jghid li dan l-agir kriminali sar kontra r-rieda u l-volonta taz-zewg **Rikorrenti,** li b'konsegwenza m'ghandhomx aktar il-godiment tal-proprieta' taghhom;

12. Illi ghalhekk bl-agir kriminali tieghu **l-Intimat** ikkommettew spoll vjolenti fil-konfront tar-**Rikorrenti,** li jridu li jigu rientegrati fil-pussess fuq imsemmijaghalqa;

13. Illi r-Rikorrent jahlef fuq il-fatti fuq imsemmija personalment.

Jghid ghalhekk l-**Intimat** ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi dina l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex:

a. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-**Intimat** abbuzivament u illegalment ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront tar-

**Rikorrenti** meta invada l-imsemmija ghalqa proprieta` taghhom u hassar il-wicc taghha;

b. Tordna u tikkundanna lill-**Intimat** sabiex, f'terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jispurga l-ispoll minnu kommess u jirrintegra **tar-Rikorrenti** fil-pussess tal-ghalqa taghhom;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult u tad-drittijiet profesjonali fil-proceduraì kriminali li ttiehdu kontra l-Intimat li minn issa huma ngunt ghas-subizzjoni tieghu'.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Leonard Incorvaja li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, u dan a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' l-azzjoni odjerna li l-atturi jehtigielhom jippruvaw huma *possedisse, spoliatum frisse, u infra bimester deduxisse;*

2. Illi f'dan il-kaz, u dan kif se jirrizulta mill-provi prodotti, l-ebda minn dawn l-elementi ma jisustixxu f'dan il-kaz, u ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi;

3. Illi jibda biex jinghad l-*partnership* attrici SAB ma ghandha l-ebda nteress guridku f'dawn il-proceduri u dan peress illi hija certament ma soffriet l-ebda spoll, u dan a bazi tal-fatt illi l-istess *partnership* QATT ma kellha l-pussess tal-art mertu ta' dawn il-proceduri;

4. Illi jirrizulta wkoll, illi l-attur l-iehor u cioe Carmelo Muscat, ma kellux il-pussess tal-art mertu ta' dawn il-proceduri fil-

mument meta giet intavolata l-procedura odjerna, tant illi kif se jirrizulta mill-provi prodotti l-ghalqa kienet ilha abbandunata u zdingata ghal zmien twil;

5. Illi l-prova tal-pussess tal-art mertu ta' dawn il-proceduri hija fundamentali sabiex l-azzjoni attrici tkun tista tirnexxi;

6. Illi inoltre, it-talbiet attrici ghandhom kollha jigu michuda wkoll, stante illi l-intimat ma kkometta ebda att arbitrarju, u llegali, kontra l-volonta tal-atturi jew xi hadd minnhom;

7. Illi inoltre, jrid jigi ppruvat illi l-Avukat Dott. David Grech, ghandu r-rapprezentanza guridika tal-imsemmija *partnership* u dan peress illi dan ma jirrizultax mid-dokumenti ezebiti mar-rikors promotur;

**Illi ghalhekk isegwi illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kollha, bl-ispejjez kontra taghhom;**

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;'

Rat l-affidavits, pjanta, kuntratt, okkorrenza, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Frar, 2019 Dr Gauci Maistre ddikjara l-provi maghluqa, salv li jigi kkonfermat ir-rapport tal-Pulizija. Il-kawza thalliet ghall-4 ta' April, 2019 ghall-produzzjoni tar-rapprezentant tal-Pulizija u ghall-provi viva voce u bl-affidavits tal-intimat;

Rat illi s-seduta tal-4 ta' April, 2019 giet differita ghall-10 ta' Mejju, 2019 minhabba l-okkazzjoni tal-hatra tal-President tar-Repubblika li tirrikjedi l-attendenza tal-Gudikatura;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2019 l-konvenut Leonard Incorvaja kien prezenti madanakollu ma ressaq l-ebda provi la viva voce u lanqas bil-procedura tal-affidavit. Il-kawza thalliet ghat-3 ta' Ottubru, 2019 sabiex jigi prodott ir-rapprezentant tal-Pulizija, u sabiex fil-mori l-intimat jipprezenta x-xiehda tieghu permezz tal-affidavit u viva voce;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2019 l-intimat ma ressaq l-ebda provi u ghalhekk il-Qorti ghaddiet sabiex imponiet terminu ulterjuri ta' xahrejn ghall-prezentata tal-affidavits tal-intimat. Il-kawza thalliet ghall-provi tal-intimat ghas-7 ta' Jannar, 2020 u ghall-ahhar darba sabiex l-atturi jharrku r-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jikkonferma r-rapport;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2020 il-Qorti ordnat l-gheluq tal-provi tal-atturi fir-rigward il-konferma tar-rapport mir-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija. Id-difensuri tal-intimat resqu talba ghall-estensjoni ghall-prezentata tal-affidavit tal-intimat stante li tilfu l-kuntatt mieghu, liema talba giet milqugha;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2020 wara li Dr Marion Camilleri nfurmat lill-Qorti li kienu ghadhom bla kuntatt mal-intimat, il-Qorti tat terminu ta' xahar ghall-prezentata tal-affidavits u dokumenti da parte tal-intimat u ddikjarat li mal-iskadenza tax-xahar, il-provi tal-konvenuti jkunu maghluqa. Il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni;

Rat illi s-seduta tas-26 ta' Marzu, 2020 il-kawza giet differita ghall-1 ta' Lulju, 2020 minhabba c-cirkostanzi tal-Covid-19;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2020 ma deher hadd u l-provi tal-partijiet gew dikjarati kollha maghluqa dan wara li l-Qorti rat il-verbal tal-5 ta' Marzu, 2020 fejn l-intimat inghata xahar ghall-prezentata tal-affidavits u dokumenti u wara li nonostante s-sospensjoni tat-termini u t-tnehhija tal-istess sospensjoni nhar il-5 ta' Gunju, 2020 u t-trapass ta' mill-inqas 25 gurnata ulterjuri l-konvenut ma pprezenta xejn fl-atti. Il-Qorti rat ukoll id-digriet taghha tad-29 ta' Mejju, 2020 li ghalkemm komunikat permezz ta' email lil partijiet, ma pprezentaw l-ebda risposta ghall-istess;

Rat illi fl-istess seduta tal-1 ta' Lulju, 2020 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio spolii* li hija regolata bl-Artikolu 535 u l-Artikolu 536 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien

> xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.
>
> 536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' rikorrenti tishaq li hija l-proprjetarja ta' porzjon art go Marsaxlokk maghrufa bhala 'Tal-Fundar', tal-kejl ta' tlett telef u wiehed u disghin metri kwadri (3091m.k.) akkwistata permezz ta' kuntratt ta' xiri fil-25 ta' Mejju, 1980 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef (ara kuntratt a fol. 8 *et seq* tal-process). Is-socjeta' rikorrenti ssostni li r-rikorrenti l-iehor Carmelo Muscat ilu jahdem din l-ghalqa l' fuq minn erbghin (40) sena b'mera tolleranza u qablu kien hemm l-mejjet missieru, liema ghalqa precedentement kienet tithallas qbiela fuqha u li tul dan il-perijodu kollu, hadd qatt ma mmolesthom jew cahhadhom mill-pussess u godiment taghha. L-atturi jghiduli fit-18 ta' Marzu, 2018 ir-rikorrenti Carmelo Muscat induna li l-ghalqa kienet giet mahruta u l-wicc li kien bil-qamh kien tghaffeg u distrutt u dan bejn is-17 ta' Marzu, 2018 u t-18 ta' Marzu, 2018 stante li fis-17 ta' Marzu, 2018 filghodu huwa kien mar l-ghalqa u kollox kien regolari u kif suppost. Ir-rikorrent Carmelo Muscat u n-neputi tieghu certu Darren Desira saru jafu li kien l-intimat Leonard

Incorvaja li ghamel dak ix-xoghol bil-pretensjoni li l-ghalqa hi tieghu. Ir-rikorrenti ghalhekk talbu li jigi dikjarat li l-intimat abbuzivament u llegalment ikkommetta spoll vjolenti u sabiex jigi kkundannat jispurga u jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-ghalqa taghhom.

Illi min-naha tal-konvenut Leonard Incorvaja principalment eccepixxa li l-elementi tal-azzjoni ta' spoll ma jissussistux fil-kawza odjerna. Huwa jghid li l-*partnership* SAB m'ghandha l-ebda nteress guridiku peress li certament hija ma sofriet l-ebda spoll u dan stante li l-*partnership* qatt ma kellha l-pussess tal-art mertu tal-procedura odjerna. L-intimat eccepixxa wkoll li r-rikorrenti l-iehor Carmelo Muscat ma kellux il-pussess tal-art mertu tal-kawza fil-mument li giet intavolata l-kawza u dan kif ser jirrizulta mill-provi prodotti fejn l-ghalqa kienet ilha abbandunata u zdingata ghal zmien twil. Jghid li l-intimat ma kkommetta l-ebda att arbitrarju u llegali kontra l-volonta tal-atturi jew xi hadd minnhom. Finalment issottometta li l-Avukat Dottor David Grech irid jipprova li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-*partnership* peress li mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax dan.

**Is-Seba' Eccezzjoni – rapprezentanza guridika tal-*partnership* SAB:**

Illi permezz tas-seba' eccezzjoni tieghu l-intimat Leonard Incorvaja eccepixxa li l-Avukat Dottor David Grech irid jipprova li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-imsemmija partnership SAB u dan peress li mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax dan.

Illi l-attur Dottor David Grech xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 30 *et seq* tal-process fejn qal li 'Jiena ghandi rappresentazzjoni

ta din is-socjeta, kif jidher ukoll mill-istatut tas-socjeta li kopja tieghu huwa anness ma dan l-affidavit u mmarkat **dok "C"**.

Minn harsa lejn l-istatut li gie anness bhala Dokument C a fol. 36 *et seq* tal-process jirrizulta li l-'*Administration and representation of the partnership shall vest in each of the partners severally without prejudice to the power of the partners, to appoint any other person in particular cases and subject to such restrictions as may be stated in the instument appointing him.*'

Mill-istatut jirrizulta wkoll li Dottor David Grech huwa wiehed mill-*partners* tal-*partnership* SAB. Ghalhekk jinsorgi li huwa ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta' SAB. Ghaldaqstant in vista ta' dak suespost din l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi fi kliem l-awtur **Mattirolo** fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano** (Volume I. ed. 1902 Torino, para. 271) dwar l-azzjoni ta' spoll privilegjat qal illi:

> 'La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato è una misura di ordine pubblico, è un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola "spoliatus ante omnia restituendus". Il perchè l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purchè pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto.'

F'dan is-sens ukoll, intqal dwar l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Mariano Farrugia et noe -vs- Peter Paul Cutajar** deciza fit-23 ta' Ottubru, 1998 illi:

> 'Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqiegHed il-haga fl-istat li kienet qabel ma iddisturbaha u daqshekk biss.'

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati nostrana jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

1. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

2. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

3. **Infra bimestre deduxisse** – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Illi jekk wahda minn dawn l-elementi tkun mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin hija destinata li tfalli.

Illi l-intimat Leonard Incorvaja fit-tieni eccezzjoni tieghu jeccepixxi li l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma jissussisti f'dan il-kaz. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll applikati ghall-fatti tal-kaz odjern.

**<u>Possedisse:</u>**

Illi l-intimat Leonard Incorvaja fit-tielet eccezzjoni jeccepixxi li l-partnership SAB m'ghandiex l-interess guridiku stante li hija ma sofriet l-ebda spoll u dan a bazi li l-*partnership* ma kellha l-ebda pussess tal-art mertu tal-kawza odjerna. Inoltre l-intimat fir-raba' eccezzjoni tieghu eccepixxa wkoll li Carmelo Muscat ma kellux il-pussess tal-art u dana peress li l-ghalqa kienet ilha abbandunata u zdingata ghal zmien twil.

Illi dwar dan l-element tal-pussess l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili jghid illi l-azzjoni tipprotegi kull persuna illi hija *'...mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli...'*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Vincenza Sammut et -vs- Salvatore Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-19 ta' Novembru, 1952 dwar l-element tal-pussess inghad is-segwenti:

> 'Ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita' tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anki favur il-possessur "in mala fede", u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm il-pretensjoni li gie kommess l-ispoll. U hemm ir-rekwiziti ta' l-ispoll anki meta l-ispoljat ghandu s-semplici detenzjoni tal-haga, avvolja din id-detenzjoni tkun prekarja.
>
> Il-pussess mehtieg fil-kawza ta' spoll "de recenti"huwa l-pussess materjali u "di fatto", jew ahjar kwalunkwe pussess, ikun x'ikun ; u mhux mehtieg li l-attur jipprova li ghandu dritt ta' proprjeta' jew ta' servitu', jew titolu iehor fuq il-haga

> posseduta minnu, u li minnha jkun gie spoljat vjolentement jew klandestinament.'

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Salvina Mercieca et -vs- Andrew Vella et** datata 26 ta' Lulju, 2017 illi:

> 'Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu s-semplici detenzjoni. L-attur dejjem irid jipprova li ghandu "un possesso di fatto". Il-pussess fl-ispoljat ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil; **dan jista' jkun qasir hafna u sahansitra momentanju**" (**Gio Maria Carabott et vs Spiridione Bonnici et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2007).' (Enfazi tal-Qorti)

Illi jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti SAB xtrat u akkwistat l-art mertu tal-kawza odjerna permezz ta' kuntratt tal-25 ta' Mejju, 1980 (ara kuntratt a fol. 8 *et seq* tal-process). Jinghad li originarjament l-art mertu tal-kawza odjerna kienet inxtrat mill-kumpanija San Andrea (Birzebbugia) Limited (C 1376) li sussegwentement kienet giet konvertita f'socjeta' *en nom collectif* bl-isem li hija maghrufa bih illum SAB. L-art kienet mizmuma bi qbiela ghand wiehed kunjomu Muscat li sussegwentament ghaddiet f'idejn it-tifel tieghu r-rikorrenti l-iehor Carmelo Muscat li baqa' jahdem l-ghalqa b'mera tolleranza bi ftehim mas-sid. Fit-tielet eccezzjoni l-intimat jargumenta li s-socjeta' intimata m'ghandiex l-interess guridiku stante li m'ghandiex il-pussess. Jibda billi jinghad li '*…l-interess hu l-bazi tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess*'[1]. Inghad ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **Henry Tabone -vs- Hilda Demajo** deciza fit-3 ta' Novembru, 2004 illi: '*L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-*

[1] Vol. XXX.i.317.

*akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament-vantaggjuz jew utili ghal min jipproponih, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta.'* Is-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tal-art mertu tal-kawza b'dan li jekk il-kawza tirnexxi ser iggibilha rizultat utili. Dan ifisser li s-socjeta' rikorrenti ghandha l-interess guridiku sabiex tmexxi l-azzjoni odjerna.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid tezamina jekk is-socjeta' rikorrenti ghandiex il-pussess ai fini ta' din it-tip ta' kawza. Jigi nnutat li wara li l-ghalqa mertu tal-kawza odjerna inxtrat mill-kumpanija SAB din baqghet tigi amministrata minn Dottor Godfrey Gauci Maistre bil-kunsens u ftehim mal-istess attrici. Di fatti Dottor David Grech xehed li *'L-avukat dottor Godfrey Gauci Maistre baqa' jamministra l-ghalqa wara li kienet xtratha s-socjeta' familjari taghna;'*. Dan gie wkoll ikkonfermat minn Dottor Godfrey Gauci Maistre fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 42 *et seq* tal-process u minn Carmelo Muscat fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 45 *et seq* tal-process). Illi ghakemm huwa minnu li s-socjeta' attrici per se ma kinitx tmur hi fl-ghalqa in kwistjoni hija kienet f'arrangament mal-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre li huwa jibqa' jamministra l-istess ghalqa u li l-attur l-iehor Muscat jibqa' jahdem l-ghalqa b'mera tolleranza tal-istess socjeta' attrici. Il-fatt li s-socjeta' attrici kienet f'dan il-ftehim ta' tolleranza mal-attur Carmelo Muscat u thallih allura jahdem l-ghalqa a bazi ta' dan il-ftehim ifisser li l-istess socjeta' attrici kienet qed tipposjedi l-ghalqa b'dan il-mod. Fil-mument li l-attur Carmelo Muscat sab li l-ghalqa kienet giet mahruta mhux minnu izda minn terzi dan il-pussess kif kwalifikat da parti tas-socjeta' attrici gie wkoll lez ghaliex is-socjeta' attrici ma ttollerat lil hadd aktar jahdem l-ghalqa hlief lill-attur l-iehor. Ghalhekk il-Qorti tqis li huwa f'dan

is-sens li s-socjeta' attrici tissodisfa l-element tal-pussess fil-kawza odjerna.

Illi dwar il-pussess tal-attur Carmelo Muscat, Dottor David Grech li xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 32 *et seq* tal-process sostna li l-ghalqa ilha tigi mahduma ghal aktar minn erbghin (40) sena mir-rikorrent Carmelo Muscat :

> '7. Illi r-Rikorrenti Carmelo Muscat ilu jahdem din l-ghalqa ghal aktar minn erbghajn (40) sena, b'mera tolleranza tal-allura sid-taghha, u qablu kien jahdimha il-mejjet missieru li kien ihallas il-qbiela;'

Dan gie wkoll ikkonfermat minn Dottor Godfrey Gauci Maistre fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 42 *et seq* tal-process fejn qal is-segwenti :

> *'3. Illi dina l-ghalqa, meta xtrajtha, kienet imqabbla lill-attur Carmelo Muscat, u naf li qabel ma hadha f'idejh hu, kienet imqabbla lil missieru ;*
>
> *4. Illi ftit wara li kont xtrajtha, kont ltqajt ma' Carmelo Muscat gewwa l-ghalqa stess, u kont ghidtlu illi flimkien ma ohrajn kelli progett ghall-istess ghalqa, u sadattant seta' ikompli jahdimha minghajr ma jhallas il-qbiela;'*

L-istess gie kkonfermat mill-attur Carmelo Muscat fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 45 *et seq* tal-process illi :

*'3. Jiena ili nahdem din l-ghalqa ghal aktar minn erbghajn (40) sena, u qabli kien jahdimha il-mejjet missieri li kien ihallas il-qbiela;'*.

Tant li l-attur Carmelo Muscat kellu l-pussess tal-ghalqa li huwa mill-ewwel induna li l-ghalqa kienet giet mahruta u minghajr dewmien ha l-passi necessarji billi ghamel rapport l-ghassa taz-Zejtun fit-18 ta' Marzu, 2018 (ara okkorrenza a fol. 14 *et seq* tal-process) u nforma lill-Dottor Gauci Maistre bl-akkadut. Dan jevidenzja l-pussess inekwivoku da parte tal-attur Carmelo Muscat. Din il-Qorti ghalhekk assolutament ma taqbilx mar-raba' eccezzjoni tal-konvenut Leonard Incorvaja fejn sostna li l-ghalqa ma kinitx tinhadem anzi hareg mill-provi li sas-17 ta' Marzu, 2018 l-ghalqa kien fiha l-qamh u sal-ghada din kienet giet mahruta.

Illi jinghad li din il-verzjoni tal-fatti bl-ebda mod ma giet kontradetta u dana stante li ghalkemm l-intimat Leonard Incorvaja nghata diversi opportunijiet f'numru ta' seduti sabiex iressaq ix-xhieda u l-provi tieghu huwa naqas milli jaghmel dan. F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. -vs- Bianci Mobili Limited** deciza fit-18 ta' Mejju, 2005 illi:

> 'Intqal li "hu dover tal-parti illi minn rajha tassigura ruhha li tkun taf bid-differimenti tal-kawza u li tidher anke fl-assenza tal-avukat. Hu biss b'din il-prezenza li l-konvenut jimmanifesta l-interess tieghu fil-proceduri". (**Saviour Frrugia nomine -vs- Anthony Wismayer**, Appell, 25.06.1997). Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti m'ghandhiex hlief tlum lilha nnifisha u jkollu jinghad illi *imputet sibi*. L-aggravju taghha fuq dan il-punt ma jistax ghalhekk la logikament u lanqas guridikament jigi akkolt.'

Fid-dawl ta' dak suespost u kkunsidrat illi m'hemmx ghalfejn li l-pussess ikun wiehed duratur pero' anke wiehed qasir u sahansitra momentanju u sahansitra mera detenzjoni hija bizzejjed, il-Qorti tqis li anki l-attur Carmelo Muscat jissodisfa l-element tal-pussess.

**<u>Spoliatum Fuisse:</u>**

Illi dwar l-element ta' l-*spoliatum fuisse* gie ritenut mill-awtur **Pacifici Mazzoni** fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diritto Civili** (Volume III (Firenze 1873)) illi bi vjolenza tikkostitwixxi:

> *'…qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato*.'

Illi dwar dan l-element xehed l-attur Carmelo Muscat li huwa l-persuna li f'idejh kienet l-ghalqa. Huwa sostna li mar l-ghalqa l-gurnata ta' qabel fis-17 ta' Marzu, 2018 filghodu u sab kollox normali. Xehed ukoll li kien normali ghalih li jmur fl-ghalqa kwazi kuljum. L-ghada 18 ta' Marzu, 2018 rega' mar l-ghalqa u sab li din kienet inhartet u l-qamh li kien hemm mizruh kien gie mghaffeg u distrut :

> '5. Illi fit-tmintax ta' Marzu 2018 (18/03/20180 jiena indunajt illi l-ghalqa kienet giet mahruta u li l-wicc taghha (qamh) kien gie mghaffeg u destrutt;
>
> 6. Jiena mmur l-ghalqa kwazi kull jum;
>
> 7. Illi lejliet, u cioe' fis-sbatax ta'Marzu 2018 (17/03/2018), kmieni filghodu meta mort l-ghalqa kienet kif suppost u kollox kien regolari;' (ara affidavit a fol. 45 *et seq)*

Ix-xhud Darren Desira ghalkemm ma xehdx dwar l-ispoll *per se* peress li ma kienx involut direttament huwa xehed li kien ha lil zijuh Carmelo Muscat l-ghassa taz-Zejtun sabiex jaghmel rapport dwar l-akkadut dakinhar stess tat-18 ta' Marzu, 2018 kif ukoll ha hsieb li jinforma lil Dottor Gauci Maistre dwar dak li kien gara fl-ghalqa mizmuma minn zijuh. Sussegwentement jixhed li huwa kien skopra li kien l-intimat Leonard Incorvaja li kien harat l-ghalqa :

> '4. Illi fit-tmintax ta' Marzu 2018 (18/03/20180 cempilli z-ziju u qalli illi kienu dahlulu fl-ghalqa u li kienet giet mahruta u li l-wicc taghha (qamh) kien gie mghaffeg u destrutt, u li lejliet kien kollox f'loku, kif suppost;
>
> 5. Illi ghalhekk flimkien ma zijuwi, dakinhar stess, fit-tmintax ta' Marzu 2018 (18/03/2018) fis-16.45pm, morna l-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Bugia fejn ghamel rapport formali dwar l-akkadut u talab lill-Pulizija sabiex tinvestiga u tipprocedi kontra min kien dahallu fl-ghalqa u ghamillu l-hsara;
>
> 6. Illi kont jiena, fl-istess jum, u cioe' it-18/03/2018 li kont nformajt lill-avukat dottor Godfrey Gauci Maistre bl-akkadut permezz ta' telefonata maghmula ghan-nom taz-ziju;'

Illi dwar l-element tal-ispoll vjolenti u klandestin gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Scerri -vs- Spiridione Falzon** deciza nhar l-24 ta' Jannar, 1958 illi:

> '...kwalsijasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta tal-possessur, b'mod li jista jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ...'.

Illi l-konvenut ghalkemm ma ressaq l-ebda provi, jirrizulta mir-risposta tieghu li huwa ma jichadx li kien hu li wettaq l-ispoll anzi jeccepixxi fir-raba' eccezzjoni tieghu li 'l-ghalqa kienet ilha abbandunata u zdingata ghal zmien twil' sabiex jiggustifika l-agir tieghu. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-element tal-*spoliatum fuisse* gie sufficjentament ippruvat.

**<u>Infra Bimestre Deduxisse:</u>**

Illi dan it-tielet element jikkonsisti filli l-kawza trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv. Dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Georgina Borg -vs- Errol Cassar et** deciza nhar il-21 ta' Ottubru, 2002 qalet illi:

> 'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. rova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-

parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.

Jirrizulta li fis-17 ta' Marzu, 2018 l-attur Carmelo Muscat kien mar l-ghalqa u ra li kollox kien normali. L-ghada 18 ta' Marzu, 2018 reggha mar u sab l-ghalqa mahruta u l-qamh distrutt u mghaffeg. Dan bl-ebda mod ma gie kontradett mill-konvenut Leonard Incorvaja. Dwar l-akkadut sar rapport mal-Pulizija dakinhar stess li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 14 et seq tal-process. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-3 ta' Mejju, 2018 u ghalhekk entro t-terminu ta' xahrejn mposti mill-ligi. Ghaldaqstant dan l-element jirrizulta wkoll sufficjentement pruvat.

**Reintegrazzjoni u spurgar tal-Ispoll:**

Illi jirrizulta li dak li gie mahrut permezz tal-azzjonijiet tal-intimat kien qamh li fi kwalunkwe kaz huwa prodott stagjonali u llum il-gurnata fid-data tad-decizjoni ma hemmx xejn li wiehed jista jaghmel sabiex igib lura l-ghlaqa fl-istat li kienet dakinhar li sehh l-ispoll. Dan izda salvi drittijiet tal-atturi ghal hlas ta' kumpens ghall-prodott distrutt li izda ma ntalabx fil-kawza odjerna. Ghajr dan jirrizulta li l-ispoll odjern jigi spurgat billi l-intimat Leonard Incorvaja ghandu jiddesisti milli bi kwalunkwe mod jersaq lejn jew jidhol fl-ghalqa in kwistjoni.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.

2. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat abbuzivament u llegalment ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti meta invada l-imsemmija ghalqa proprieta` taghhom u hassar il-wicc taghha;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna u tikkundanna lill-intimat Leonard Incorvaja sabiex b'mod immedjat, jispurga l-ispoll minnu kommess u jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-ghalqa taghhom billi jiddesisti milli bi kwalunkwe mod jersaq jew jidhol fl-istess ghalqa.

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Novembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru, 2020**